MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 56/2009

**Camilleri Paris Mode Limited**

**Vs**

**Tony Vassallo**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avvizipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-sbatax (17) ta’ Frar 2009, permezz ta’ liema l-kumpanija rikorrenti talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma bilancjali ta’ sitt elef disgha mija sitta u sittin euro u erbgha u sittin euro centesmu (€6,966.64) rapprezentanti biegh u konsenja ta’ merkanzija mis-socjeta rikorrenti lill-intimat u dan skond *statement* Numru VAS 275 anness bhala Dok. ‘A’.

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-Ittra Ufficcjali tat-tletin (30) ta’ Dicembru 2008, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimat li jinsab ngunt in subizzjoni.

Rat illi l-intimat kien debitament notifikata bl-avviz in kwistjoni kif jirrizulta mit-timbru tal-Marixxal Carmen Cutajar datata tlieta (3) ta’ Frar 2009 (fol. 5) izda naqas li jippresenta r-risposta tieghu.

Illi fis-seduta tas-sitta (6) ta’ Mejju 2009 is-socjeta rikorrenti pprezentat kapitolu fil-konfront tal-intimat peress illi naqas li jidher u jikkontesta t-talba rikorrenti.

Rat illi fis-seduta tas-sitta (6) ta’ Mejju 2009 l-intimat gie msejjah diversi drabi izda baqa ma deherx, la biex jikkontesta t-talba rikorrenti u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi ‘n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta rikorrenti u semghet lill-avukat difensur tas-socjeta attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa t-talba rikorrenti u tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ sitt elef disgha mija sitta u sittin euro u erbgha u sittin euro centesmu (€6,966.64)) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra l-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------